MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 17/2020**

**It-Tlieta, 21 ta' Lulju 2020**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

17.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina kien skużat minħabba li ma kienx jiflaħ.

### 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

17.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 15/2020 u tal-laqgħa b'urġenza nru. 16/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

17.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

17.2.3 Il-Viċi Sinkdu Dott. Marlene Cini ressqet emenda tal-minuti 15.6.1 tal-laqgħa nru. 15/2020 u emenda fl-aħħar paragrafu tal-laqgħa b'urġenza nru. 16/2020. Kien hemm qbil mill-membri u l-minuti ġew emendati

17.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 15/2020 u nru. 16/2020 u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.3.1 Is-Sindku beda billi tkellem dwar ir-risposta ta' l-Avukat tal-Kunsill wara l-laqgħa b'urġenza li saret fuq is-sitwazzjoni ta' Ras ir-Reqqa. Hu talab biex tinqara r-riposta ta' l-Avukat tal-Kunsill. Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet x'se jiġri mis-sajjieda u mid-*divers*? Is-Sindku wieġeb li skont is-sidien, għas-sajjieda m'hemmx problemi. Hu kompla billi qal biex lid-*divers* nagħtuhom kopja tar-risposta u jitkellmu huma mas-sidien. Il-Viċi Sindku Dott Cini żiedet li karozzi ma' jistgħux jinżlu u BBQs m'aċċettawhomx. Kien hemm qbil dwar il-kontenut tar-risposta u li tingħata kopja tar-risposta lid-*divers.*

17.3.2 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li s-sidien tar-Restaurant *Il*

*Gabbiano* qed jitolbu li tingħalaq it-triq għal ċertu ħinijiet li bħal Triq il-Port. Hu qal li għandhom ukoll problema ta' *toilets* minħabba li bħalissa ma' jistgħux isiru *mobile toilets.* Kien hemm qbil bejn dawk preżenti li ngħaddu din it-talba lil Transport Malta u mhux jiddeċiedi l-Kunsill.

17.3.3 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li wara li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tad-Dipartiment, fil-ġranet li għaddew infetħet l-estensjoni ta' l-uffiċċju tal-Kunsill ġewwa Marsalforn u hemm is-Sinjura Micheline Cutajar. Hu tenna li talbet għal komputer u siġġu. Se jinġabru l-istejjem u jinxtraw. Kien hemm qbil.

17.3.4 Is-Sindku informa li l-Kunsill ġie mistieden għal-laqgħa mar-*Radicalisation Unit* tal-Pulizija flimkien ma' l-FSWS rigward is-sitwazzjoni tal-persuni barranin ġewwa Marsalforn. Din se tkun fit-30 ta' Lulju 2020 fl-10.00am. Is-Sindku stieden lis-Sinjura Sandra Grech biex tkun preżenti minħabba l-fatt li taħt idejha għandha d-dekasteru ta' Marsalforn.

17.3.5 Is-Sindku informa li Triq Ħabel it-Twil ġewwa Marsalforn ingħatat il-konkos. Hu rringrazzja lil Ministeru għal Għawdex tax-xogħol li sar. Kif il-Kunsill qabel fil-laqgħat preċendenti, is-Sur Richard Axiaq għamel it-trinka għall-*main* ġdid ta' l-ilma. Is-Sindku kompla billi qal li nqalgħet problema rigward il-blat ta' fuq in-naħħa tal-lemin tat-triq. Hu qal li fl-2013 il-Kunsill kien irċieva ilment biex jitqatta parti mill-blat li hemm fit-triq. Hu qal li qabel beda x-xogħol iltaqa' fuq il-post flimkien mas-Sur Joe Xuereb mill-Ministeru għal Għawdex, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Richard Axiaq u l-ħaddiem tiegħu. Fl-2013, il-Kunsill kien talab lil Perit tal-Kunsill u sab li dan il-blat huwa pubbliku u jista' jintmess. Hu kompla billi qal li malli beda jitqatta l-blat, ġie s-Sur Theo Mangion fejn qal li dak il-blat huwa parti mill-għalqa tiegħu u nqalgħet kwistjoni taħraq. Hu beda jhedded lilu, lill-ħaddiem Richard Axiaq u l-ħaddiem tiegħu kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv bi kliem ħażin. Beda jhedded li se jagħmel mandat lil Kunsill u jwaqqaf ix-xogħlijiet f'din it-triq. Il-Kunsill reġa' ċċekja mal-Perit u mid-dokumenti li l-Perit ġab mid-Dipartiment ta' l-Artijiet għadu jidher li l-blat huwa pubbliku. L-Erbgħa ta' wara, s-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Joe Xuereb iltaqgħu fuq il-post mas-Sur Theo Mangion fejn dan ta' l-aħħar qed jippretendi li jinbena ħajt tas-sejjiegħ fejn kien hemm il-blat għax nkixef u ġie in arja. Hu

kompla billi qal li bi ftehim bejn dawk preżenti kien hemm qbil li ssir talba lil Ministeru għal Għawdex biex jinbena dan il-ħajt. Il-Kunsill ġa bagħat din it-talba lid-Direttur Ġenerali. Hu qal li fil-ġranet li ġejjin se jerġgħu jiltaqgħu fuq il-post biex issir il-linja minn parapett eżistenti għal mal-blat u l-każ ikun magħluq. Kien hemm qbil. Hu kompla billi qal li l-karti li għandu s-Sur Mangion juru li l-għalqa tiegħu tmiss mat-triq. Is-Sindku għamel aċċenn li ma ntmesx blat daqs kemm ġie ssuġġerit mill-Perit. Il-Viċi Sindku rrimarkat li tant hu hekk li l-ħaxix ħażin għadu jidher nieżel mal-blat.

17.3.6 Is-Sindku, is-Sur Nicky Saliba informa lil dawk preżenti li nhar il-Ġimgħa li ġej 24 ta' Lulju, ġej il-Perit tal-Kummissjoni Persuni b'Diżabilita' għal *compliance* tal-Latrina tax-Xwejni, biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' japplika għad-dawl u l-ilma.

17.3.7 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li fil-ġranet li għaddew tela' xhud il-Qorti bħala Sindku, fuq il-każ ta' Sqaq Sajku. Hu tenna li s-sentenza nqatgħet li f'din it-triq trid issir tabella. Issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lil Avukat tal-Kunsill biex imur fuq il-post biex jara x'jista' jsir. Kien hemm qbil fuq dan u importanti li jitħalla spazju biex igħaddi *wheelchair*.

17.3.8 Is-Sindku ressaq talba quddiem il-membri preżenti mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill li hekk kif għaddiet sena mil-ħidma tiegħu f'dan il-grad, talab li jiżdied *increment* għal Skala 7 *notch* 6, hekk kif stipulat fl-Artiklu Nru. 15 fir-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani). Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

17.3.9 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba nforma lil dawk preżenti li fil-ġurnata ta' qabel saret laqgħa tal-festa mal-għaqdiet tar-raħal, fejn ġie nfassal pjan ta' attivitajiet b'kollaborazzjoni magħhom. Hu qal li ma' dawn jixtieq iżid li se jkun hemm attivita' fil-5 ta' Settembru 2020 għall-Puttinu. Kien hemm qbil.

17.3.10 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir ħarġa bit-*train* xi darba l-Erbgħa, wara l-quddiesa ta' l-Erbgħat tal-Madonna, li s-soltu ssir ta' kull sena. Hu tenna li l-Kunsill għandu jiċċekja hemmx xi attivitajiet tal-Parroċċa. Kien hemm qbil li din issir nhar l-Erbgħa, 5 ta' Awwissu 2020.

17.3.12 Is-Sindku tenna li kulħadd qed jinnota l-ammont kbir ta' ħaxix li hemm

fil-lokalita'. Hu qal li f'dawn il-jiem anke ċemplulu mill-Għassa tal-Pulizija rigward Triq iċ-Ċaqra, Triq Wied l-Infern u Triq Sagħtrija. Hu tenna li waqt il-laqgħa mal-għaqdiet li saret fil-ġurnata tal-qabel, ssuġġerixxa lill-għaqdiet biex igħinu fil-qtugħ ta' dan il-ħaxix u l-Kunsill iħallashom ta' dan. Hu qal li l-Għaqda ta' l-Armar u tan-Nar aċċettaw. L-oħrajn għadna bla risposta. Is-Sinjura Sandra Grech qalet biex Marsalforn ikun nkluż ukoll. Kien hemm qbil minn dawk preżenti fuq dan.

**17.4 Aġġudikazzjoni Tender ZGLC/04/2020 – *Tender for the decorative lighting and Environmentally Friendly Irrigation System in Playingfield in Triq Mons. Ġużeppi de Piro, Żebbuġ, Gozo.***

17.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li skond ir-rapport tal-bord ta' l-aġġudikazzjoni, kien hemm offerent wieħed biss għal dan it-tender li kien Is-Sur Richard Cauchi. Il-bord ta' l-aġġudikazzjoni qal li dan l-offerent kien *technically compliant* u fil-limiti tal-baġit tal-Kunsill. Il-bord irrakkomanda li dan it-tender jingħata lil dan l-offerent. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Sindku wieġeb li importanti li dan il-kuntrattur jikkommetti ruħhu sew u ma' jkunx hemm dewmien żejjed.

**17.5 Ittra ta' Direzzjoni mill-Awdituri u r-Risposta tal-Kunsill**

17.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Ittra ta' Direzzjoni mill-Awdituri fejn ġew rimarkati xi korrezzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta risposta ssuġġerita li għandha tintbagħat lill-awdituri. Il-Kunsill qabel mar-risposta u ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**17.6 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Jannar 2020 – Marzu 2020**

17.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Marzu 2020. Hu tenna li dan ir-rapport kellu jiġi preżentat fil-laqgħa ta' qabel imma minħabba mewt fil-familja ta' l-*Accountant* tal-Kunsill, ma tlaħħaqx.

Hu informa li l-livell ta' l-FSI qiegħed temporanjament fil-livell ta' 0%, imma importanti niftakru li fadal kontijiet pendenti x'jitħallsu. Dan ir-

rapport finanzjarju ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 17.7 Festa Santa Marija 2020

17.7.1 Is-Sindku beda billi qal li matul il-laqgħa li saret ma' l-Għaqdiet tal-Festa ġie nfassal dan il-pjan b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Hu tenna li dawn l-attivitajiet isiru biss jekk is-sitwazzjoni tal-COVID-19 tibqa' posittiva kif inhi. Jekk jinħarġu xi direttivi mill-Awtoritajiet tas-Saħħa jew naraw li s-sitwazzjoni ggravat, allura kollox jiġi mreġġa' lura u ma' jsir xejn. Il-Kunsill qabel unanimament li jkun organizzat dan il-programm t'attivitajiet:

| | | |
|---|---|---|
| 16 t'Awwissu 2020 | | Attivita' tat-Tfal b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa (*budget* ta' €300). |
| | | Attivita' ta' tombla b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda ta' l-Armar (*budget* ta' €1000). |
| | | |
| 17 t'Awwissu 2020 | | Attivita' tal-logħob għaż-żgħażagħ b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta' Fil. Santa Marija (*budget* ta' €500). |
| | | |
| 18 t'Awwissu 2020 | | Attivita' Ikla b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tan-Nar (*budget* ta' €1000). Se jkun hemm ukoll *budget* ta' €2000 għall-attivita' b'kollaborazzjoni ma' l-istess Għaqda. |
| | | |
| 19 t'Awwissu 2020 | | Kunċert mis-Soċjeta' Fil. Santa Marija (*budget* ta' €1000) b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. |
| | | |
| 20 t'Awwissu 2020 | | Attivita' ta' BBQ b'kollaborazzjoni mal-Kumitat taż-Żebbuġ Rovers (*budget* ta' €1000). |
| | | |
| 22 t'Awwissu 2020 | | Attivita' Festa Familja b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa (*budget* ta' €1200 li minnhom se jitħallas ukoll is-*sound* tal-ħruġ tal-Vara tal-Ħadd). |

| | | |
|---|---|---|
| | | Produzzjoni ta' *feature tal-Festa* mill-Għaqda Żgħażagħ tal-Banda (*budget* ta' €800). |
| | | |
| 23 t'Awwissu 2020 | | B'kollaborazzjoni mal-Kor u għall-Orkestra f'Jum il-Festa (*budget* ta' €500). |
| 23 t'Awwissu 2020 | | Attivita' għaż-Żgħażagħ b'kollaborazzjoni maż-Żebbuġ Rovers (*budget* ta' €500) |

Is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-ġurnata tal-21 ta' Awwissu se tkun riservata għall-Kunsill. Għal din is-sena, wara l-quddiesa tal-Griżma ser issir iċ-Ċerimonja ta' Jum iż-Żebbuġ. Din is-sena, dan ir-rikonoxximent se jingħata lin-nies li ħadmu kontra l-pandemija COVID-19. Tingħata tifkira lil kull wieħed u waħda minn dawn in-nies u Ġieh iż-Żebbuġ jirċievih l-Arċipriet tal-Parroċċa. It-tifkira li tibqa, tinżamm fil-Mużew tal-Knisja. Waqt din iċ-ċerimonja ser isir diskors mill-Arċipriet, mill-Ministru għal Għawdex u mis-Sindku. Is-Sindku ħabbar li b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex ser jittella' kunċert bis-sehem ta' *Ivan Grech & Band.* Fil-ħin ta' qabel, se jkun hemm id-DJ Frank Zammit, u wara l-kunċert se jkun hemm id-DJ Michael Cini (Micimago). Is-Sindku kompla li l-Kunsill qed jipprova jġib l-100% tal-fondi. Hu informa li Ivan Grech u sħabu se jkunu joqgħodu fil-Hotel Calypso minħabba ttestjar li jridu jagħmlu l-Ġimgħa filgħodu kmieni. Is-Sindku qal ukoll li qed jipprova li diska minnhom issir sinkronizzata man-nar. Il-Kunsill għandu jaħseb għall-*park & ride, toilets, insurance* u reklamar. Is-Sindku kkonkluda li dan għandu jkun kunċert tajjeb li jħalli l-frott lill-għaqdiet kollha. Kien hemm qbil minn dawk preżenti. Dott. Cini ssuġġeriet li jkun għaqli li l-Kunsill idaħħal membri minn tal-Banda biex jagħtu daqqa t'id fil-proċess ta' dan il-kunċert, wara s-suċċess li kellhom ta' l-attivita' *Sweeth Tooth Festival.* Kien hemm qbil fuq din ukoll. Is-Sur Baskal Saliba u s-Sinjura Sandra Grech tennew li importanti li din l-attivita' tiġi rreklamata tajjeb.

Is-Sindku nforma li peress din is-sena ntlaqatna mill-pandemija COVID-19, l-Kunsill se jkun qed jagħmel tajjeb għall-ħlas ta' permessi tal-Pulizija ta' l-erba' għaqdiet tar-raħal b'*budget* ta' €800 - €200 għal kull għaqda. Hu talab għall-koperazzjoni sħiħa mal-Parroċċa u l-għaqdiet kollha tar-raħal. Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ssuġġeriet jekk il-Kunsill jistax jorganizza *live streaming* ġol-Pjazza tal-

pellegrinaġġ / purċissjoni billi l-*camera* esterna mhix taħdem. Kien hemm qbil bdejn dawk preżenti.

Il-Kunsill approva unanimament wkoll ix-xiri ta' bozoz *led* biex jintużaw fil-jiem tal-festa bi spiża ta' madwar €1000. Il-Kunsill approva ukoll li t-tindif tat-toroq fil-ġranet tal-festa jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill bl-istess spiża tas-snin ta' qabel.

## 17.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

17.8.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Talbet biex il-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta għal *parking spaces* fi Triq ta' Barda, Marsalforn ħdejn l-Uffiċċju ta' l-FSWS. Kien hemm qbil fuq dan.
- Issuġġeriet li jittranġaw u jingħataw dehra aħjar ix-xtieli fi Pjazza l-Assunta speċjalment għall-jiem tal-festa. Kien hemm qbil bejn dawk preżenti.
- Issuġġeriet biex il-Kunsill jerġa' jibgħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex għal *refreshing* taz-*zebra crossing* u tranġar tal-*belisha lights* ta' Triq ir-Rabat, Marsalforn. Kien hemm qbil li jerġa jintbagħat reminder.
- Talbet biex isir qtugħ ta' bużbież speċjalment fi Triq Sagħtrija, Triq Wied l-Infern u Triq ta' Tutiet. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.
- Talbet biex issir talba lil Transport Malta biex isir *double yellow line* quddiem il-bankina tar-residenza Mewġ il-Baħar, Triq Ħabel it-Twil, Qbajjar għax qed jipparkjaw eżatt quddiem l-entratura tal-appartament u mhux iħallu aċċess għar-resident; u isir *refreshing* tad-*double yellow lines* li hemm eżistenti. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li tintbagħat talba lil Transport Malta.
- Talbet għall-aġġornament fuq il-bankini. Is-Sindku wieġeb li jkun għaqli li l-kuntrattur ilesti x-xogħlijiet pendenti. Hu ssuġġerixxa li naraw il-lista ta' bankini pendenti u nimxu minn hemm. Kien hemm qbil.
- Talbet għall-aġġornament fuq il-Playingfield taż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu *reminder* lil Perit tal-Kunsill.
- Talbet għall-aġġornament fuq il-Latrina tax-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.

- Talbet għall-aġġornament fuq iż-żbir tal-Bruk fix-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li biex jinqata' l-bruk fejn indikat, hemm bżonn il-permess ta' l-ERA.
- Talbet għall-aġġornament fuq is-sitwazzjoni taż-żona ta' Ras ir-Reqqa. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa.
- Talbet għal aktar informazzjoni fuq il-Festival tal-Bizzilla. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li se jingħataw dettalji aktar il quddiem fil-laqgħa.
- Talbet għal aktar informazzjoni fuq l-*European Mobility Week 2020*. Issuġġeriet biex issir xi ħarġa bit-train. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jingħataw dettalji aktar il quddiem fil-laqgħa.
- Ipproponiet biex isir *live streaming* tal-pellegrinaġġ/purċissjoni ta' filgħaxija f'nhar il-Festa. Is-Sindku tenna li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel matul il-laqgħa.
- Talbet biex il-Kunsill jagħmel talba lil Ministeru għal Għawdex biex jinbnew ħitan tas-sejjiegħ u t-triq issir bil-konkons f'tal-Merżuq, fi triq faċċata ta' Villa Fiorita. Kien hemm qbil.

17.8.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Għamlet talba biex isir *patching* fi Triq Manwel Magro, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li din it-triq għandha tingħalaq għall-ġurnata u jsir *patching* bil-konkos. Kien hemm qbil.
- Infurmat lil dawk preżenti li meta qed isiru permessi fi Triq Manwel Magro u tingħalaq it-triq, qed jitneħħew il-*cones* li jsiru u l-karozzi jibqgħu għaddejjin u qed tinħoloq konfużjoni. Is-Sindku wieġeb li hemm bżonn li jkun hemm l-uffiċċjali ta' Transport Malta meta din it-triq tingħalaq. Kien hemm qbil.
- Talbet aġġornament fuq it-Triq Kaptan Frank Debono. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill tkellem ma' sid l-għalqa u għandu jinbena l-ħajt.
- Talbet aġġornament fuq il-qtugħ ta' ħaxix ġewwa Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.
- Talbet biex fejn jilgħabu t-tombla ġewwa Marsalforn għandha bżonn tinkines u jsir *rubbish bin*. Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu nibgħatu lis-Sezzjoni tal-*Beaches*. Kien hemm qbil.
- Infurmat li qed ikun hemm problema ta' tfigħ ta' skart fi Triq ir-Rabat, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li hemm bżonn ta' aktar infurzar. Hu tenna li dan saħqu ukoll fil-laqgħa tar-Reġjun

Għawdex. Is-Sur Baskal Saliba fakkar fil-proposta li kien ressaq hu rigward gwardjani pajżana mqabbda mill-Kunsill.

- Staqsiet jekk jistax ikun hemm *area* għall-qtates ġewwa Marsalforn. Is-Sindku staqsa fejn ser issir. Hu qal li ġa għandna problema fir-raħal u diversi persuni qed jilmentaw dwar il-ħmieġ li hemm malli tidħol fir-raħal.
- Infurmat li l-Latrina pubblika ħdejn il-*pitch* tal-boċċi qed tkun maħmuġa. Is-Sindku wieġeb li qegħdin nistennew mingħand mid-Direttur ta' Eko Għawdex għal data ta' laqgħa.
- Talbet aġġornament fuq l-ilma li hemm ħiereġ fi Triq il-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb li hu bagħat email lil kulħadd u sa issa ma sar xejn.
- Infurmat li hemm xi dawl fil-*promenade* tal-Qbajjar mitfi. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur ġa hu infurmat. Hu semma ukoll li għadu kemm ġie nstallat festun u hemm l-arbli ta' quddiem *Il-Qbajjar Restaurant* magħwġin minħabba l-fatt il-festun għamluh stirat iżżejjed u se jagħmel ħsara lil arbli. Talab li nkellmu lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.

17.8.3 Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Ippropona biex issir *sleeping policeman* fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri minħabba l-periklu tal-karozzi għax ikun hemm it-tfal jiġru. Is-Sindku wieġeb li jekk se napprovaw din, irridu nagħmlu maż-Żebbuġ kollu. Hu ssuġġerixxa biex issir *SLOW* fl-art u arloġġ bil-km. Kien hemm qbil.
- Talab għal-mergħa fi Triq is-Sagħtrija biex jitnaqqas il-periklu għas-sewwieqa tal-karozzi. Kien hemm qbil.
- Informa li kellmuh residenti tal-Kumpless ta' Ħal Sagħtrija minħabba l-fatt li l-*iskips* mhumiex iservuhom. Is-Sindku wieġeb li dawk privati u l-Kunsill ma' jidħolx fiha.
- Talab aġġornament fuq l-ilment tat-tumbata li hemm fi Triq iż-Żebbuġ speċjalment għan-nies li ma jafux biha. Is-Sindku wieġeb li ġa kellem lil Perit Shaun mill-Ministeru. Talab biex jintbagħat *reminder*. Kien hemm qbil.
- Talab aġġornament fuq l-uffiċċjali tal-LESA pajżana biex jaqbdu min qed jitfa' skart illegali. Il-Sindku wieġeb biex niċċekjaw tajjeb mar-Reġjun. Hu qal li importanti jtenni li l-Kunsill irid iħallas hu.

- Talab aġġornament fuq is-sitwazzjoni ta' min se jieħu ħsieb il-Latrina l-ġdida tax-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li qegħdin nistennew mingħand mid-Direttur ta' Eko Għawdex għal data ta' laqgħa.
- Talab aġġornament fuq il-bozoz nri. 4 u 6 fi Triq Dun Karm Cachia. Is-Sindku wieġeb biex nfakkru lil kuntrattur. Kien hemm qbil.
- Talab aġġornament fuq il-*patching* li kellu jsir fi Triq il-Knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għandu jsir fil-jiem li ġejjin.
- Talab aġġornament fuq il-bozoz ta' Triq Oniċi. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu *reminder* lil kuntrattur.
- Talab aġġornament fuq it-talba għal *traffic management* ta' ħdejn l-iskola. Il-Viċi Sindku wieġbet li jekk ikun hemm pulizija ieħor isfel fil-kantuniera tista' tissolva l-problema.
- Talab aġġornament fuq il-bankini li jridu jittranġaw. Is-Sindku wieġeb biex naraw il-lista u nitkellmu mal-kuntrattur.
- Informa li hemm xi bandli mkisser fil-Promenade tal-Qbajjar. Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu *reminder* lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.
- Talab aġġornament fuq id-dawl tal-parking. Għadda Sajf ieħor u nofsu għadu fid-dlam. Kien hemm qbil biex il-Kunsill ikelllem lill-kuntrattur u jara x'jista' jsir. Kien hemm qbil. Il-Viċi Sindku staqsiet il-*floodlights* li nqalgħu minn Triq il-Port x'sar minnhom. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li nġabru u qegħdin il-Kunsill.
- Talab aġġornament fuq il-bozoz fir-*roundabout* ta' Triq ir-Rabat, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li nerġgħu nibgħatu *reminder* lil Ministeru għal Għawdex. Kien hemm qbil.
- Talab għall-aġġornament fuq it-talba għal sellum temporanju fil-bajja ta' Marsalforn għax peress li hemm ix-xogħlijiet għaddejjin, in-nies ma' joqgħodux iduru. Kien hemm qbil.

## 17.9 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

17.9.1 Korrispondenza mingħand il-Perit tal-Kunsill rigward pjanta tal-*parking spaces* fi Triq ix-Xagħra Marsalforn. Kien hemm qbil li qabel ma' nibgħatu lil Transport Malta, isiru ukoll dawk ta' Triq Għar Qawqla u mill-Knisja l-isfel u tintbagħat talba waħda.

17.9.2 Korrispondenza mingħand l-ERA rigward *Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni – Siti ta' importanza Internazzjonali*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.3 Korrispondenza mingħand Tranport Malta rigward talba ta' *Reserved Parking* mingħand N. Calleja, Triq Santa Marija, Marsalforn. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.4 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Aquilina rigward *Talba għall-għajnuna tal-Kunsilli Lokali waqt laqgħat Pubbliċi Virtwali Onlajn fuq Konsultazzjonijiet Pubbliċi.* Kien hemm qbil li l-Kunsill joffri dan is-servizz.

17.9.5 Korrispondenza mingħand is-Sur M. Gauci bis-suġġett *Attivita' tad-deheb għat-Tfal Għawdxin*. Ma kienx hemm qbil minn dawk preżenti.

17.9.6 Korrispondenza mil-Awtorijta' ta' l-Artijiet bis-suġġett *Terminazzjoni ta' Kiri ta' Raba'*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.7 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex dwar *Parteċipazzjoni f'Festival tal-Bizzilla ġewwa l-Croatia.* Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li jistaqsi x'inhi l-proċedura u xi ħlasijiet hemm involuti.

17.9.8 Korrispondenza mid-Dipartiment ta' Eko Għawdex dwar *European Mobility Week 2020 – 16th-22nd September*. Kien hemm qbil biex il-Kunsill jiċċekja xi ħlasijiet hemm involuti.

17.9.9 Korrispondenza mingħand is-Sur A. Zammit, bis-suġġett *LC Care Project Grant Support Scheme*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.10 Korrispondenza mingħand NCPE dwar *Research on distribution of work during COVID-19.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.11 Korrispondenza mingħand *Europe Direct Information Centre* dwar *Sustainable Living Post COVID-19.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.12 Ċirkulari AKL 2020/076 – *Letter to LC's – VisitMalta Now Celebrations – 1st July 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.13 Korrispondenza mingħand Dr. R. Frendo dwar *Urgent Important Meeting for all Local Councils: Attn Mayors/Executive Secretaries/Councillor responsible for Animal Welfare.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.14 Ċirkulari AKL 2020/077 – Artiklu fuq il-ġurnal – Il-Ħidma tal-Kunsilli Lokali matul il-Covid 19. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.15 Rapport *Bathing Water Site Classification Report for Week 06* mingħand *Water Regulatory and Auditing Unit.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.16 Korrispondenza mingħand *Europe Direct Information Centre* dwar *Capacity Building Session for Public Entities: Project Writing.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.17 Ċirkulari AKL 2020/071 – *LCA Summer BBQ 24/07/2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.18 Korrispondenza *Planning Authority – Have your say – Draft Rural Policy and Design Guidance.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.19 Rapport *Bathing Water Site Classification Report for Week 07* mingħand *Water Regulatory and Auditing Unit.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.20 Korrispondenza *Planning Authority – Online Public Participation Meeting.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.21 Korrispondenza mingħand Aġenzija Sapport – *Webinar 11: The importance of support during transitions*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.22 Ċirkulari AKL 2020/078 – Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.23 Ċirkulari AKL 2020/079 – *Important notice regarding submission of Health Claims*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.24 Ċirkulari AKL 2020/080 – Depożitu ta' Minuti - BOV. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.25 Ċirkulari AKL 2020/081 – Korsijiet akreditati fuq Livell minn MQF 4 sa MQF 7 – Sponsorship mill-AKL għall-applikanti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.26 Rapport *Bathing Water Site Classification Report for Week 08* mingħand *Water Regulatory and Auditing Unit.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.27 Ċirkulari AKL 2020/082 – MCAST Lulju 20/21 fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.28 Korrispondenza DLG Case 122/2020 – Servizzi li jingħataw mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.29 Korrispondenza mingħand Is-Sur F. Galea mill-EU Affairs dwar *Save the Date and Agenda – Invitation to the ECP Malta Online Webinar – 28th July 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.30 Korrispondenza mill-ERA dwar *Wellbeing First: A Vision for Malta's Environment, National Strategy for the Environment 2050.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.31 Korrispondenza mingħand Is-Sur F. Galea mill- *Local Government on behalf of Euaffairs at Local Government* dwar *Life Integrated Projects: Promotion & EASME support.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.32 Korrispondenza mingħand Is-Sa. S. Agius mid-DLG fuq *B.A. (Hons) Politics and Governance October 2020 – Local Councils.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.33 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mill-*Local Government on behalf of Euaffairs at Local Government* bis-suġġett *Save the Date and Agenda – Invitation to the ECP Malta Online Webinar – 28th July 2020 – Reminder.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

17.9.34 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- *Dr D. Calleja obo Otters ASC – Social Event* quddiem ir-Rook,

Triq il-Batterija, Marsalforn – 31 ta' Lulju 2020

- *Uffiċċju tal-Kultura – Live Music Event (Festival)* fi Triq il-Port, faċċata tal-*Mellows Restaurant* – 12 ta' Awwissu 2020.
- *Gary Hayler obo The Chill Bar – Live Music Event* quddiem *The Chill Bar*, Triq il-Menqa, Marsalforn – 24 ta' Lulju 2020 u l-1 ta' Awwissu 2020 bejn it-8.00pm u l-11.00pm.
- *Michael Agius obo Jack's Bar – Live Entertainment* quddiem Jack's Bar, Triq il-Wied, Marsalforn – 8 ta' Awwissu 2020.

Il-Kunsill qabel li ġa la darba ġew rilaxxati kważi r-restrizzjonijiet kollha mill-Awtoritajiet konċernati, il-Kunsill jaqbel li joħroġ dawn il-permessi sakemm jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u ta' l-awtoritajiet konċernati u li l-Pulizija ma' jsibu l-ebda oġġezzjoni. Importanti li s-*sound* jinżamm baxx. Is-Sindku ssuġġerixxa biex ma jingħatawx permessi fil-ġurnata tal-21 ta' Awwissu. Kien hemm qbil. Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa jistax il-Kunsill idaħħal xi multa jew *refundable deposit* jekk jidħol xi ilment fuq is-*sound.*

17.9.35 Ilment Nru. 49/2020 – S. Camilleri

Talab biex jitnaddaf il-ġibjun li qed jilqa' l-ilma mill-gradi tat-triq fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku tenna li żmien ilu l-Kunsill kien inaddafulu. Kien hemm qbil li jitnaddaf. Jinġabu l-istejjem meħtieġa.

17.9.36 Ilment Nru. 50/2020 – G. Borg obo *Karkanja Property Development.*

Talab biex isiru żewġ bankini ġodda quddiem ir-residenza Alka, Valley Road, Marsalforn u oħra quddiem ir-residenza The Bee, Triq Barda, Marsalforn. Kien hemm qbil li din it-talba tintbagħat lil Ministeru għal Għawdex.

17.9.37 Ilment Nru. 51/2020 – F. & F. Azzopardi

Jitolbu sabiex terġa tinżebaħ *reserved parking bay* għall-persuni b'diżabilita' fi Triq il-Wied ta' Marsalforn u jekk hu possibli tiġi allokata għal *Blue Badge Holders*. Kien hemm qbil tintbagħat talba lil Transport Malta jekk jistax isir *refreshing* ta' din il-kaxxa.

17.9.38 Ilment Nru. 52/2020 – C. Mercieca

Titlob biex titwaħħal tabella biex il-klieb ma' jħammġux fuq il-blat u r-ramle tal-ponta ta' Santa Marija. Kien hemm qbil biex tinwaħal tabella mal-konkons.

17.9.39 Ilment Nru. 53/2020 – J. Dimech
Jitlob għal *disabled parking* fi Triq il-Qbajjar, kif indikat fil-pjanta. Kien hemm qbil li tintbagħat it-talba lil Transport Malta.

17.9.40 Ilment Nru. 54/2020 – M. Azzopardi
Titlob biex isir ftit *cement* fuq il-wiċċ tal-bankina peress hemm iż-żrar u mhix lixxa quddiem JohnFrank Flats, Triq is-Salini, Marsalforn. Kien hemm qbil li jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

17.9.41 Ilment Nru. 55/2020 – G. Said
Jitlob biex tinżebaħ il-bieba tan-niċċa li tinstab ħdejn tal-boċċi fi Triq il-Qolla l-Bajda, Xwejni; u l-Kunsill igħin biex issir ċelebrazzjoni tat-30 sena mit-twaqqif ta' din in-niċċa fit-2 ta' Frar 2021. Kien hemm qbil.

17.9.42 Ilment Nru. 56/2020 – M. Mizzi
Tilmenta fuq l-istat ta' Triq ir-Rabat għax imħarbta. Tilmenta ukoll li kellha tarġa quddiem il-blokka u neħħewhielha. Titlob biex issir ċanġatura bis-cement jew tarġa oħra peress li l-bieb tal-blokka hu għoli minn mal-livell tat-triq. Kien hemm qbil biex issir din it-tarġa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

17.9.43 Ilment Nru: 57/2020 – T. Vassallo
Jitlob biex titwaħħal mera fil-kantuniera ħdejn il-pompa ta' Ħal Sagħtrija. Kien hemm qbil li din it-talba tintbagħat lil Transport Malta.

17.9.44 Ilment Nru: 58/2020 – E. M. Mifsud Bondin
Titlob għal *communal reserved parking bay* fil-post indikat fuq il-pjanta anness fi Triq Dun Karm Cachia, iż-Żebbuġ. Kien hemm qbil li din it-talba tintbagħat lil Transport Malta.

17.9.45 Ilment Nru: 59/2020 – M. Farrugia
Jitlob biex isiru *parking spaces* għall-muturi fi Triq Barda, eżattament kif jispiċċaw id-*double yellow lines* – fil-viċinanza tal-uffiċċju tal-FSWS. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li tintbagħat talba lil Transport Malta.

17.9.46 Ilment Nru: 60/2020 – D. Cordina
Jitlob sabiex jinbena ħajt ta' seba' filati kif titlob il-liġi, quddiem għalqa fi Triq il-Kaptan Frank Debono, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb li din ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa. Issuġġerixxa li nerġgħu nfakkru lis-sid. Kien hemm qbil.

17.9.47 Ilment Nru: 61/2020 – Perit J. Camilleri obo *Road Cons. Co. Ltd*
Jitlob biex issir bankina ġdida quddiem blokka ġdida bl-isem 'View Court', Triq ix-Xagħra, Marsalforn. Kien hemm qbil li din it-talba tingħadda lil Ministeru għal Għawdex.

17.9.48 Ilment Nru: 62/2020 – D. Zarb Jenkins
Jitlob biex tiġi nstallata *safety barrier* fi Triq is-Sagħtrija, fil-post indikat fuq il-pjanta anness. Dan biex jitneħħa l-periklu li qed toħloq *blind spot* biex karozzi u muturi ma jaqgħux għal isfel. Is-Sindku tenna li hemm se jinbena l-ħajt tas-sejjiegħ mill-Fondi ta' Unjoni Ewropeja. Ma kienx hemm qbil.

17.9.49 Ilment Nru: 63/2020 – P J P Pisani
Jitlob biex isiru *double yellow lines* biex ma jipparkjawx karozzi kif indikat fil-pjanta annessa. Kien hemm qbil li tinbagħat talba lil Transport Malta għal *double yellow lines* mill-bollard sal-bank l-aħdar.

## 17.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 13/2020 għall-perjodu bejn l-20 ta' Ġunju 2020 u s-17 ta' Lulju 2020 li tammonta għal €36,491.98 ġiet approvata u ffirmata.

## 17.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta, 11 ta' Awwissu 2020 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta, 11 ta' Awwissu 2020.

Nicky Saliba
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv